**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Alexander Scicluna**

**Illum, 09 ta' April 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **Alexander Scicluna** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 538065M

Akkuzat talli:

> nhar it-8 ta' April 2018, għall-ħabta ta' 12:00hrs (nofs inhar), ġewwa 'The Convenience Shop', Triq Mikielang Sapiano, Ħaż-Żebbuġ (Malta):

1. ikkometta serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur u bil-mezz għad-dannu ta' Mary Louise Spiteri u/jew persuni u/jew entitajiet oħra.

Akkuzat ukoll talli:

nhar is-7 ta' April 2018, għall-ħabta tas-2:30pm (ta' wara nofsinhar) ġewwa 'The Convenience Shop', Triq il-Kulleġġ, ir-Rabat (Malta):

1. ikkometta serq ikkwalifikat bil-mezz għad-dannu ta' Joanne Fsadni u Kelly Frendo u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' Probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D., nhar id-29 ta' Dicembru 2016 liena sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Alexander Scicluna rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll is-serjetà tar-reati minnu kommessi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(b)(c), 262, 263(b), 267, 279(a), 277(b), 278(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Alexander Scicluna hati u wara li kkunsidrat il-fedina penali tiegħu, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, r-restituzzjoni tar-res furtiva lid-derubat u l-ammissjoni bikrija tieghu tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu kumplessiv ta' sentejn prigunerija effettivi. Il-Qorti tirrakkomanda lill-

awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi l-imputat jinghata l-assistenza kollha mehtiega u jsegwi programm/i appoziti sabiex jirriabilita ruhu mill-abbuz tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft)Angelo Buttigieg
Deputat Registratur